

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2022 – Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-56/22)**

(2022/C 158/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: L. Baxter, aġent, u T. Buley, Barrister)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2019 <sup>(1)</sup> sa fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu inġarrab mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tar-rikorrent taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija under the European Agricultural Guarantee Fund (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għall-motiv imsemmi ta' dgħufija fid-definizzjoni ta' "bidwi attiv – kumpanniji konnessi"; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, li permezz tiegħu jalleġa li l-interpretazzjoni tal-konvenuta tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 <sup>(2)</sup> hija żbaljata. Fil-fehma tar-rikorrent, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jirrigwarda biss ħlasijiet diretti lill-bdiewa (kif iddefinit fl-Artikolu 4 tar-regolament imsemmi) li huma stess joperaw l-infrastruttura jew is-servizzi rilevanti. Ir-rikorrent isostni li l-konvenuta hija żbaljata peress li:

- i. Il-lingwaġġ u t-tifsira tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ma għandhomx l-effett li jipprojbixxu ħlasijiet lil bidwi sempliċement minħabba li entità konnessa twettaq attività fil-lista negattiva ta' dan l-artikolu.
- ii. Ma teżisti l-ebda interpretazzjoni li tiffoka fuq l-għan jew interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, li ma hijiex konformi mal-għanijiet ta' dan l-artikolu.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2019 tas-17 ta' Novembru 2021 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba mir-Renju Unit fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2021, L 413, p. 3).

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2021, L 347, p. 608)

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar 2022 – Korporacija "Masternet" vs EUIPO – Stayer Ibérica (STAYER)****(Kawża T-85/22)**

(2022/C 158/14)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: ZAO Korporacija "Masternet" (Moska, ir-Russja) (rappreżentant: N. Bürglen, avukat)